Story Changers: Enhancing Pupils' Social Skills and Enriching Teaching Methods Through Storytelling and Virtual Reality

| | |
|---|---|
| **Intellectual Output:** | **IO2** |
| **Intellectual Output Title:** | **Creation of the "You Tell" Stories and Relevant Guide** |
| **Activity:** | **A5** |
| **Activity Title:** | **Translation of "You Tell" Stories** |
| **Partner:** | **St Joseph Paola** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f.

**Coordinated by**

**Partners**

**Apostolos Varnavas Primary School**

| | |
|---|---|
| **Program:** | Erasmus+ |
| **Key Action:** | Cooperation for innovation and the exchange of good practices |
| **Project Title:** | Story Changers: enhancing pupils' social skills and enriching teaching methods through storytelling and virtual reality |
| **Project Acronym**: | Story Changers |
| **Project Agreement Number:** | 2020-1-CY01-KA201-066072 |
| **Project Start Date:** | 01/12/2020 |
| **Project End Date:** | 30/06/2023 |

**Indiċi tal-Kontenut**


Titlu tal-istorja .......... 3
Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja .......... 3
Tema prinċipali .......... 3
Limiti – nirrispettaw il- limiti ta xulxin .......... 3
Tema Sekondarja .......... 3
Ma' nċedux għall – bullis u nirrispettaw lil xulxin .......... 3
Riżultati tat- Tagħlim .......... 3
To learn the value of being honest and to respect others .......... 3
Gruppi fil-Mira (Studenti) .......... 3
Aktar Informazzjoni Relevanti .......... 3
Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.) .......... 3
Teknika3
Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.) .......... 4
Elementi Ewlenin Tal-istorja .......... 4
L-eroj prinċipali .......... 4
L-ifond tal-istorja .......... 4
Sommarju .......... 4
Kontenut tal-istorja .......... 4

## Titlu tal-istorja

Rospo

## Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja

### Tema prinċipali

Limiti – nirrispettaw il- limiti ta xulxin

### Tema Sekondarja

Ma' nċedux għall – bullis u nirrispettaw lil xulxin

### Riżultati tat- Tagħlim

- Napprezzaw il- valuri tal-onesta' u nirrispettaw lil xulxin
- Nażżardaw li mmorru oltre il- limitazzjonijiet
- Nirrispettaw il- limiti
- Napprezzaw kemm hi mportanti li ma nċedux għall- bullis
- Nirrispettaw lil xulxin

### To learn the value of being honest and to respect others

### Gruppi fil-Mira (Studenti)

☐ L-1 u t-2 Sena tal-Iskola Primarja

☒ It-3 u r-4 Sena tal-Iskola Primarja

☒ Il-5 u s-6 Sena tal-Iskola Primarja

### Aktar Informazzjoni Relevanti

#### Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.)

#### Teknika

Il- karattri inħolqu mill- kelma rispett bl-użu tat-teknika ta' Rodari.  L-istorja kientet żviluppata skont it-tejorija ta' Propp.

## Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.)

Il- ġganti –(l-eroj u l – villani tal-istorja) dejjem ikkaratterizżaw il- ħrejjef maltin. Calypso u Odissej ghexu fuq il-gżira ta' Oġiġa llum magħrufa bħala Għawdex. Wieħed mit-tempji hu fil-fatt il- Ġgantija – li tfisser tal-ġganti. L-sfond tal-istorja hu raħal fl-għoljiet. F'Għawdex hemm tliet għoljiet u l-ġganti kienu jgħixu fl-għerien. Maswar Malta u Għawdexinsibu għadd ta' għerien li kienu jintużaw biesx in- nies jgħixu fihom fil- passat.

## Elementi Ewlenin Tal-istorja

### L-eroj prinċipali

Rospo, il-ġgant beżżiegħ/l-eroj

Isadora, l-ajkla Rjali

Sonder, is-sultan

Petrusku, il-ġgant l-iktar kattiv

Etna, il-Prinċipessa

Tara, fata żgħira li tagħti d-dawl

Truffo, l-eroj falz

### L-ifond tal-istorja

Ir-raħal ta' Noni

### Sommarju

Il-ġganti kienu jgħixu f'għerien mudlama, fondi u umdi li kienu mħaffra fil-blat fir-raħal ta' Noni. Hemm kienu jgħixu ġganti ta' kull tip u għamla. Kien hemm ġganti enormi u oħrajn iżgħar fid-daqs. Kien hemm ġgant partikolari li dejjem kiienu jaqbdu miegħu. Il- Prinċipessa tar-raħal tinħataf mill-villan Petrusku – Rospo jkollu numru ta' għażliet quddiemu.

## Kontenut tal-istorja

Din il-ġrajja li se nirrakkontalkom illum ġrat tassew. Ħafna minnkom mhux se jemmnuni. Żgur. Għax din hija l-istorja ta' ġgant beżżiegħ. Hija storja li se turina tassew xi tfisser il-kelma RISPETT. Forsi kelma diffiċli għal xi wħud. Imma meta kull ittra tal-kelma tibda tieħu l-ħajja u tinbidel f'karattru, hekk issir ħafna aħjar. Hekk forsi tibda tifhem ir-RISPETT x'inhu.

Fl-istorja tagħna se niltaqgħu ma':

Rospo, il-ġgant beżżiegħ/l-eroj

Isadora, l-ajkla Rjali

Sonder, is-sultan

Petrusku, il-ġgant l-iktar kattiv

Etna, il-Prinċipessa

Tara, fata żgħira li tagħti d-dawl

Truffo, l-eroj falz

Mela darba, f'pajjiż 'il bogħod 'il bogħod, kienu jgħixu l-ġganti. Dawn il-ġganti kienu jgħixu ġo għerien kbar, mudlama u umdi mħaffra ġewwa l-blat f'belt jisimha Noni. Kien hemm ġganti ta' kull tip u ta' kull għamla. Ġganti enormi u oħrajn ħarira iċken. Ġganti tajbin u oħrajn ħżiena, anzi ħżiena ħafna ħafna. Kienu kollha differenti .... imma kienu kollha b'saħħithom u qawwija. Kollha minbarra Rospo. Rospo kien ġgant żagħżugħ, kbir, intelliġenti imma ma kienx b'saħħtu daqs il-ġganti l-oħra. Ma kienx xi ġgant sabiħ lanqas.

Rospo kien l-iktar ġgant dgħajjef fir-belt ta' Noni. Kellu qalbu tajba wisq u kien jitħassar lill-kreaturi kollha. U ngħiduha kif inhi. Xejn ma kien ġgant kuraġġuż anzi kien tassew jibża' minn dellu.

"Int m'intix ġgant tassew," kienu jħobbu jgħajruh il-ġganti l-oħra tamparu.

"Ħares lejna u ara x'differenza hemm. Aħna ġganti b'saħħitna u kuraġġużi u inti tibża' minn dellek!"

Rospo kien jiddispjaċih jisma' dan il-kliem. Il-ġganti l-oħra kienu jwarrbuh u kienu jkellmuh biss biex jgħajruh u jinkuh. Ma kellux ħbieb u għalhekk kien iqatta' ħafna ħin waħdu, imdejjaq. Kien jintefa' ġewwa l-għar tiegħu mingħajr ma jkellem lil ħadd.

"Sewwa jgħidu l-ġganti l-oħra," beda jgedwed waħdu waqt li għajnejh imtlew bid-dmugħ. "Jiena ġgant beżżiegħ. L-ebda ġgant ieħor fl-istorja tal-ġganti ma kien jibża' minni, anzi l-ġganti dejjem werwru lill-oħrajn." Tant kien imdejjaq dik il-lejla, hemmhekk waħdu, li wara ftit ħin imtedd mal-art u għajnu marret bih.

Imma ftit wara t-tokki ta' nofsillejl bħal sema' ħoss qawwi, stramb ġej minn barra. Għal bidu ħasbu li kien qed joħlom, imma meta l-ħsejjes komplew jitqawwew u beda jisma' wkoll għajjat ta' xi ħadd feroċi,

induna li ma kien qed joħlom xejn. Xtaq kieku jara x'kien qed jiġri imma diġà ħassu li kien se jagħmel taħtu bil-biża'. L-għajjat beda jitqawwa aktar u seta' jinduna li kienu xi ġganti qed jiġġieldu.

Xtaq kieku joħroġ jittawwal u jara x'kien qed jiġri. X'kellu jagħmel Rospo? Il-biża' li kellu kienet ikbar minnu. Saqajh baqgħu msammrin mal-art. Le ma jistax ikun li joħroġ hemm barra. Hu kien wisq beżżiegħ biex jagħmel dan. Fil-fond ta' qalbu kien jaf li biex jegħleb din il-biża' hu kellu jipprova u jipprova. Imma ġgant beżżiegħ bħalu x'seta' qatt jagħmel?

Fl-aħħar iddeċieda. Rabba ftit kuraġġ u ddeċieda li din id-darba kienet id-darba t-tajba li jipprova jegħleb din il-biża'! Għalhekk ….

Għamel il-kuraġġ u bi tbatija (għax Rospo kien fih mhux ħażin) tela' jittawwal minn wara purtiera tal-ixkora li kellu mdendla ma' tieqa mħaffra fl-għar.

Ħassu se jmut bil-biża' b'dak li ra. Ra lil ħames ġganti ħżiena li kienu jgħixu fix-xaqliba l-oħra fuq l-Għolja l-Kbira. Dawn kienu l-għedewwa tal-ġganti kollha. Huma kienu ħorox u xejn ma kienu amikevoli. Il-mexxej tagħhom kien Petrusku – ġgant b'qalb ħażina u jagħmel minn kollox biex jikseb il-poter. Il-ħamsa li huma kienu rikbin fuq tajr enormi u selvaġġ. Ir-riedni kienu ktajjen kbar tal-metall.

Rospo nħasad malli reġa' sema' lil Petrusku jgħajjat.

"Għidtlek agħtini r-renju tiegħek u ħadd ma jiġrilu xejn," beda jħanxar. "Hawn ikun kollu tiegħi. Ħa ħa ħa."

Id-daħka mqanżħa tiegħu dwiet f'dak il-kwiet ta' billejl. Minn dik id-daqsxejn ta' twejqa Rospo ma tantx seta' jara sew. Imma mbagħad, bi ftit sforz, induna li Petrusku kien qed ikellem lil Sonder, il-ġgant sultan ta' Noni. Sonder kien re ħanin u ġust. Kien imexxi lil Noni u l-ġganti abitanti tagħha b'mod għaqli. Kien jagħmel minn kollox biex it-tilwim li ġieli kien jinqala' bejn il-ġganti ta' Noni jitranġa. Kien jgħin lil kulħadd iżda ma kien iħalli lil ħadd jagħmillu l-bżieq fuq imnieħru.

"Le," għajjat lura r-re. "Qatt u qatt ma tieħu dan ir-renju. Biex tmexxi renju trid tkun taf kif tirrispetta lill-oħrajn. Mhux bħalma tagħmel int," wieġbu lura Sonder inkorlat.

"Ir-renju tiegħi se jkun, trid jew ma tridx," daħak Petrusku.

“Le!” reġa’ qallu b’ton iebes Sonder. “Inti buli mal-oħrajn għax mingħalik li għax inti iktar b’saħħtek mill-oħrajn, tista’ tagħmel bihom li trid. Buli ma jistħoqqlux li jmexxi renju. Min huwa verament b’saħħtu jrid ikun jaf jirrispetta lil dawk ta’ taħtu.”

Sadanittant, Rospo baqa’ kwiet, bilkemm jieħu nifs, jisma’ u jsegwi b’attenzjoni dak li kien qed jiġri tefgħa ta’ ġebla ’l bogħod minnu. F’moħħu baqa’ jidwi l-aħħar kliem li Sonder qal lil Petrusku: ‘Inti buli mal-oħrajn għax mingħalik li għax inti iktar b’saħħtek mill-oħrajn, tista’ tagħmel bihom li trid.’

Imma l-biki u t-twerżiq tal-Prinċipessa Etna ġabu f’tiegħu. Reġa’ pprova jittawwal kif jista’ minn wara l-purtiera xkora. Ra xena li qajmitlu ġismu xewk xewk. Kważi kważi seta’ jisma’ lil qalbu tħabbat bil-biża’. Petrusku kien ħataf lill-prinċipessa.

“Sakemm ma tagħtinix ir-renju, il-Prinċipessa bintek se tkun tiegħi,” għajjat Petrusku waqt li hu u sħabu taru lura lejn il-muntanji.

Miskin Sonder! Issa x’kien se jagħmel? Kemm iddispjaċih Rospo għall-prinċipessa. U kemm beża’. Kemm xtaq kellu nitfa’ kuraġġ. Sewwa kien qal ir-re li min hu buli ma jirrispettax lill-oħrajn.

Sadanittant, kien beda jbexbex u l-ġganti abitanti ta’ Noni bdew jixirfu fuq l-għetiebi tal-għerien tagħhom. Kulħadd kien semgħu l-għajjat u kulħadd sar jaf bil-ħtif tal-Prinċipessa Etna. Il-ġganti kollha bdew jgħidu tagħhom. Bilkemm setgħu jifthiemu għax minbarra li kienu jitkellmu jgħajtu, meta ma jaqblux flimkien kont taħsibhom qed jiġġieldu. Rospo, mill-ftit li seta’ jifhem, induna b’ħaġa waħda ... illum il-ġganti kollha ta’ Noni kien marrilhom il-kuraġġ. Illum hu seta’ jħossu wieħed bħalhom u daqshom. Anke dawk il-ġganti li kienu jibbuljawh, jgħajruh u jwaqqgħuh għaċ-ċajt kienet marritilhom l-arja kollha. Kulħadd kien jaf li ma’ Petruskus ma tiċċajtax!

Ir-re, megħjun mill-ġganti servi tiegħu għax kien għadu taħt xokk qawwi, sejjaħ lill-ġganti kollha fil-fetħa ta’ quddiem l-Għar Palazz.

“Naħseb li s’issa kulħadd jaf x’ġara dan il-lejl. L-għażiża binti, il-Prinċipessa Etna, ġiet maħtufa minn dak il-buli ta’ Petrusku. Min jaf x’se jsir minnha l-povra binti,” qal ir-re waqt li għajnejh imtlew bid-dmugħ. Imbagħad qaħqaħ tnejn, reġa’ ssoda leħnu u qal lill-folla miġbura, “Biex insalva lil binti, u biex il-belt ta’ Noni tibqa’ tagħna u ħadd ma jieħu dan ir-renju, għandi bżonn l-għajnuna tagħkom. Minn fostkom għandi bżonn lil xi ħadd kuraġġuż biżżejjed li jmur fuq l-Għolja l-Kbira u jsalva lill-prinċipessa.”

Il-ġganti reġgħu bdew ipaċpċu (jew kważi jiġġieldu) bejniethom. Imma r-re malajr waqqafhom u qalilhom, "M'għandniex ħin x'naħlu. Ħajjet il-prinċipessa qiegħda fil-periklu. Ħajjitna lkoll qiegħda fil-periklu. Se nagħtikom ċans sa għada filgħodu biex taħsbuha sew. Għada mas-sebħ nerġgħu niltaqgħu hawnhekk. Min joffri li jmur irid ikun tassew qalbieni imma fuq kollox irid ikun ġgant ġentlom, ġeneruż, ħanin mal-oħrajn, ġgant li jirrispetta lill-oħrajn. Dak li jirnexxielu jsalva lil Etna tiegħi jieħu nofs ir-renju tiegħi. Għalhekk irid ikun ġgant mhux b'saħħtu biss imma anke ħanin u jirrispetta lill-oħrajn." Ir-re mexa lura lejn l-Għar Palazz u l-abitanti marru lura fuq xogħolhom.

Rospo mar lura fl-għar tiegħu, ħosbien iktar minn qatt qabel. Dak kollu li kien ġara beda ġej lura f'moħħu. Għal darb'oħra, kliem is-Sultan Sonder beda jidwi f'widnejh, 'Inti buli mal-oħrajn għax mingħalik li għax inti iktar b'saħħtek mill-oħrajn, tista' tagħmel bihom li trid. Buli ma jistħoqqlux li jmexxi renju. Min huwa verament b'saħħtu jrid ikun jaf jirrispetta lil dawk ta' taħtu.'

Issa seta' jifhem aħjar. Għal dawn is-snin kollha, il-ġganti l-oħra ta' Noni kienu bulis miegħu għax huma mingħalihom iktar b'saħħithom minnu. Kemm xtaq kellu l-istess kuraġġ u determinazzjoni li kellu r-Re Sonder. Dak il-ħin xtaq verament ipattihilhom.

Għażliet

## Għażla 1

Tgħid ipattihilhom? Tgħid jagħmlilhom kif kienu jagħmlu lilu? Jiddieħak bihom u jweġġagħhom bħalma dejjem għamlu huma? Kellu tentazzjoni kbira li jagħmel dan. Iżda quddiem din id-dilemma waqaf jaħseb u ra li din ma kinitx deċiżjoni għaqlija. Din żgur li ma kinitx xi ħaġa tajba.

Kompli fuq paġna 10

## Għażla 2

Malajr warrab dan il-ħsieb minn moħħu. Le, ġgant ta' veru ma jagħmilx hekk. Imma tgħid għaliex il-ġganti l-oħra kienu qed jittrattawh hekk? Tgħid kellhom xi problema? Jew forsi huma stess xi darba kienu għaddew minn dak li kienu għaddew lilu. Għal mument bħal iddispjaċih għalihom …għalhekk jiddeċiedili jibqa' kalm u jara għalfejn il-ġganti l-oħra kienu qed jittrattawh hekk.

Kompli paġna 11

Pagna 10 – kompli minn hawn

F'daqqa waħda, sema' leħen ta' ġgant li hu kien jaf sew. Truffo. Truffo kien l-iktar wieħed mill-ġganti l-oħra li lil Rospu kien jgħajru. Troffu kien jaf sew kemm Rospo kien ikun irid l-ispazju tiegħu imma hu ma kienx iħallih minuta bi kwietu. Ma kellux limitu għal dak li kien jagħmel lil Rospo.

Kif kien jarah jixref mill-għar kien imur viċin tiegħu jisfidah daqqa b'ħaġa u daqqa b'oħra. U meta Truffo kien ikun mal-ġganti l-oħra iktar kien jagħmilha tal-ħelu miegħu. Kien jgħajru u jġiegħel lill-oħrajn jagħmlu l-istess.

"Jien. Żgur li jien se nkun dak li nirbaħha din l-isfida. Jiena se nkun ir-re l-ġdid ta' Noni u mbagħad kulħadd ikollu jagħmel dak li rrid jien. Bilfors!" Truffo kien qed jgħid lilu nnifsu b'leħen għoli mingħajr ma nduna b'Rospo.

Lil Rospo ġietu saħħa barranija. Pront pront ħareġ minn fejn kien u affronta lil Truffo.

"Truffo inti ġgant ħażin, makakk u brikkun. Qatt, qatt u qatt mhu se nħallik tkisser ir-renju ta' Noni," għajjat Rospo.

Għal dan il-kliem Truffo nħasad. Qatt ma kien sema' l-leħen ta' Rospo, aħseb u ara kemm kien semgħu jgħajjat u jgħajru b'dak il-mod.

"Se nagħmel minn kollox biex inti ... iva inti ... Truffo l-ġgant buli li lili dejjaqni u kissirni għal dawn is-snin kollha tieħu dak li ħaqqek," kompla Rospo maħnuq, huwa stess kważi kważi ma bediex jemmen li dak li kien qiegħed jitkellem kien hu.

Truffo lebbet 'l hemm u telaq jiġri jinħeba f'daru. Ma felaħx jisma' iktar ... fil-fond ta' qalbu anke hu kien jaf li dak li qallu Rospo kien minnu.

Sadanittant Rospo reġa' spiċċa bejn ħalltejn ... għandu jew m'għandux imur jipprova jsalvaha lill-prinċipessa? Seta' jħalliha hekk u tispiċċa tmut? Le, dażgur li ma setax. Imma mill-banda l-oħra, jekk imur hu jsalvaha kien hemm ċans kbir li anke hu kien se jispiċċa minn taħt. Tassew kienet deċiżjoni diffiċli għall-imsejken Rospo, imma ħin x'jaħli ma tantx kien hemm!

Le, dan ma setax ikun. Buli ma jista' qatt imexxi lil Noni. Ir-Re Sonder stess kien qalu dan il-kliem. Imma hu x'seta' jagħmel? Jekk ħadd iktar ma joffri li jmur tkun magħmula tiegħu. Imma hu, ġgant enormi li jibża' anke minn nemla żgħira, x'seta' jagħmel f'din is-sitwazzjoni? Ħass rasu ddur bih daqskemm dam jaħseb u jtella' u jniżżel x'kellu jagħmel.

**Rospo kellu tliet għażliet quddiemu:**

**L-ewwel għażla: Rospo jagħżel li ma joffrix li jmur isalva lill-Prinċipessa.**

**Ma kinitx deċiżjoni faċli imma ħaseb li kienet l-aħjar waħda. Il-biża' fih tant kienet qawwija li kien ċert li ma kienx kapaċi jagħmilha. Beża' li wara li jivvolontiera, kien imur lura minn kelmtu. Mur ara mbagħad kemm iktar jidħku bih. U kien hemm ukoll il-Prinċipessa. Ma riedx li joħroġ ta' ġifa quddiemha u minflok isalvaha jispiċċa iktar jgħarraq il-biċċa.**

L-għada filgħodu mas-sebħ, il-ġganti kollha reġgħu nġabru fil-fetħa ta' quddiem l-Għar Palazz. Ir-re hemmhekk kien, fuq ix-xwiek biex jara kienx hemm xi ġgant żagħżugħ b'saħħtu li jivvolontarja li jmur isalva lil bintu.

Ir-Re malajar qata' l-kurżità. Fid-daqqa u l-ħin, ġgant mibni deher jofroq il-folla miġbura. Beda għaddej jimbotta lil kulħadd fil-ġenb. Għal moment ir-Re ħaseb li se tinqala' xi ġlieda meta dan il-ġgant imbotta u waqqa' mal-art ġgant m'għola hawn. Imma r-Re malajr qarras wiċċu hekk kif induna min kien dak il-ġgant selvaġġ u ta' bla manjieri.

Imma minn fost dawk il-ġganti kollha, wieħed biss li ħareġ mill-folla u offra li jkun hu l-eroj ta' din l-istorja – Truffo!

"Inti biss?" qal, kważi kontra qalbu r-re.

"Hekk donnu Majestà," wieġbu Truffo b'ħarsa ta' wieħed rebbieħ.

Il-ġganti l-oħra kollha bdew iċapċpu u jgħajtu u jsabbtu saqajhom bil-ferħ għax f'għajnejhom Truffo kien l-għażla t-tajba. Ir-re ma tantx ħa pjaċir pero' ma kellux għażla oħra. Ħadd iktar ma resaq 'il quddiem.

Għalhekk ir-re sikket lill-folla u kellem lil Truffo, "Truffo inti dħalt għal missjoni perikoluża u iebsa iżda bżonjuża għalina lkoll, speċjalment għall-prinċipessa. Kif wgħedtek jekk inti jirnexxielek tagħmel dan, nofs ir-renju jkun tiegħek u jiena u inti nkunu ndaqs."

Truffo ppoppa sidru u għadda minn ġol-folla biex resaq qrib tar-re. Kif kien quddiem għamel inkin u biex jimpressjona qallu, "Sire, dak li jiena ddeċidejt li nagħmel se nagħmlu mhux biex jiena jkolli poter daqsek iżda se nagħmlu għall-ġid tiegħek, tal-prinċipessa u tal-abitanti kollha ta' Noni la ħadd minn dawn ma kellu l-ħila li jersaq 'il quddiem għal din l-isfida."

Il-ġganti l-oħra, li ħafna minnhom ma tantx kellhom moħħhom iwassal, reġgħu nfexxew f'ċapċip sfrenat. Lanqas biss kienu xammew li Truffo kien qed jgħaddihom biż-żmien f'wiċċhom. Kien għadu lanqas biss beda l-vjaġġ tiegħu, imma huma kienu ġa għamluh eroj.

Ir-re reġa' waqqafhom u, waqt li dar lejn Truffo, qallu, "Illejla ma' nżul ix-xemx qis li tkun hawnhekk ħalli nagħtik dak li tkun teħtieġ u tibda l-vjaġġ tiegħek. Ħaġa waħda ngħidlek, qis li tkun onest u ġenwin f'dak li qed tagħmel." Imbagħad, b'leħen sod u għoli biżżejjed li seta' jifhmu kulħadd qallu, "Għax jekk le, Noni u l-abitanti kollha tagħha se jbatu ħafna." Ma' dan il-kliem, Sonder dar lura lejn l-Għar Palazz.

Rospo kien qed isegwi kollox mill-bogħod. Ma riedx jersaq qalb il-folla għax beża' li jekk jarah Truffo kien jagħmel *show* bih quddiem il-ġganti l-oħra. Ħin minnhom ma felaħx jissaporti aktar u bħal ġietu x-xewqa li jersaq anke hu lejn ir-re u joffri li jmur. Iżda xi ħaġa ikbar minnu, il-biża', waqqfitu milli jagħmel dan.

**X'għandu jagħmel Rospo: imur jew ma jmurx isalva lill-għażiża prinċipessa?**

Jekk jagħżel li ma **jmurx isalvaha, kompli aqra hawnhekk.**

**Għażla 1 -Jagħżel li ma jmurx isalvaha.**

Xtaq fuq li xtaq imur iġibha lura għand missierha r-Re, iżda l-biża' kienet wisq ikbar minn din ix-xewqa. Xtaq fuq li xtaq li jkun l-eroj mhux biss għall-Prinċipessa iżda għall-abitanti kollha ta' Noni. Għal waqt qasir għalaqa għajnejh u immaġina li ġab lura lill-Prinċipessa qawwija u sħiħa, ra lill-ġganti l-oħra jċapċpulu u jagħtuh fuq dahru, ra lil Sonder jippremjah u jsejjaħlu EROJ … iżda, qum minn hemm Rospo, din biss ħolma, fil-verità hu ma kien sejjer imkien! Hu ma kien eroj xejn!

Jekk jagħżel li ma **jmurx isalvaha, mur f'paġna 14**

**Għażla 2 -Jagħżel li jmur isalvaha – paġna 16**

Dam itella' u jniżżel u fl-aħħar qatagħha li kellu jmur. Issa kien iċ-ċans tiegħu biex juri lil kulħadd, imma fuq kollox biex juri lilu nnifsu, li taħt dak il-ġgant beżżiegħ u ġifa, kien hemm ġgant qalbieni imma fuq kollox ġeneruż li kien lest li jissogra ħajtu għall-għażiża Prinċipessa. Fuq il-kollox, il-ħsieb li xi darba għad jara lil Truffo bħala l-mexxej ta' Noni ma seta' jniżżlu qatt.

**Għażla 3: Rospo jagħżel li jmur isalva lill-prinċipessa imma qabel jiddeċiedi li jgħarraf lir-re b'dak li kien sema' lil Truffo jgħid – pġ 21**

Hekk kif niżlet ix-xemx, Truffo kien quddiem ir-re. Dan tah xi struzzjonijiet u basket magħmul mill-ġild.

"F'dan il-basket għandek tavla. Oqgħod attent kif tużaha. Xħin tasal f'tarf l-Għolja l-Kbira se jkun hemm tajra li se tiggwidak biex issib triqtek. Jekk it-tajra tagħraf li inti ġgant sinċier, hi tagħtik l-għajnuna meħtieġa matul il-vjaġġ kollu. Issa mur u titlifx żmien," ordnalu r-re.

U hekk Truffo beda l-vjaġġ tiegħu. Matul it-triq moħħu beda jaħseb fi pjan kif se jeħles darba għal dejjem mir-Re Sonder. "Jien ir-renju kollu rrid mela nofsu," beda jgedwed waħdu hu u miexi.

Truffo kien ġgant xħiħ wisq. Kien se jagħmel dak li kien se jagħmel bi ħsieb f'moħħu. Fil-verità hu ma tantx kien jimpurtah xejn mill-Prinċipessa.  Li ried kien li jieħu l-premju kollu għalih … anzi ried iktar milli kien imissu.

X'l-aħjar li jagħmel Truffo?

Mexa fuq li mexa imma l-ebda tajra ma dehret biex tgħinu, kif kien qallu Sonder. "Din it-tajra meta beħsiebha tidher?" beda jgerger. "Għajjejt miexi mingħajr direzzjoni."

F'daqqa waħda ftakar fil-basket li kellu wara dahru. Ġo fih kellu dik it-tavla. Iddeċieda li ma jagħtix kas ta' dak li kien qallu r-re u bla ma ħasibha darbtejn, fetaħ il-basket u minnha ħareġ it-tavla. Dam mhux ħażin idawwarha f'idejh.

"Din x'taħbat?" beda jgedwed waħdu. "X'nambiha?" U waddabha b'kemm kellu saħħa mal-art. Malli t-tavla messet mal-art, l-art bdiet tinqasam, dawl jgħammex ħareġ mit-tavla u leħen ikrah instema' ġej mill-għoli.

Għall-ewwel Truffo ma setax jaqbad art ta' dak li kien qed jiġri. Bid-dawl ma setax jagħraf x'kien qed jiġri imma l-leħen kien għarfu. Dak kien leħen Petrusku.

"Majestà," qallu Truffo waqt li nkina quddiemu. "Hawn jien ġejt mibgħut minn Sonder biex neħles minnek darba għal dejjem. Imma ... imma jiena żgur li mhux se nagħmel hekk."

"Ħa ħa Sander irid jeħles minni? U ħaseb li mbilli se jibgħat lilek, il-pjan kien se jirnexxi?"

"Jien u int, jekk inti tagħmel eżatt kif ngħidlek jien, nistgħu nagħmlu affarijiet kbar flimkien," qallu Petrusku. "Ir-renju ta' Sonder għad ikun tagħna ... it-tnejn li aħna nkunu ndaqs, tal-istess qawwa."

Għajnejn Truffo xegħlu. Dak kien il-kliem li dejjem xtaq jisma'. Għalhekk, tela' fuq dahar it-tajra fejn kien hemm Petrusku u flimkien taru biex iħejju pjan biex jeħilsu minn Sonder, mill-prinċipessa u biex fuq kollox Noni ssir tagħhom.

Imma l-ħażen ta' Petrusku kien bil-wisq ikbar minn dak ta' Truffo. Truffo ma seta' qatt ilaħħaq mal-makkakkerija ta' Petrusku. Waqt li kienu qed itiru fuq dawk l-abissi bla qiegħ u hekk kif kienu tbiegħdu sew, waslu fuq biċċa art mudlama. Petrusku ordna lil Truffo biex jinżel minn fuq it-tajra u t-tnejn imxew lejn kanċell enormi mgħasses minn żewġ gwardji koroh dlam. Hekk kif lemħu lil Petrusku, dawn inkinaw quddiemu u fetħulu l-kanċell tal-ħadid kollu msaddad.

Petrusku qal xi ħaġa minn taħt l-ilsien lil wieħed mill-gwardji. Dan kien pront resaq lejn Truffo, qabdu minn idu u qafillu jdejh b'katina ħoxna. Truffo ma seta' jifhem xejn.

"Majestà," qal lil Petrusku kważi bid-dmugħ f'għajnejh.

Imma Petrusku kulma qal kien, "Kemm int iblah! Inti ħsibt li jien se naqsam ir-renju miegħek?" u faqqa' daħka li dwiet ma' kullimkien f'dak id-dlam u l-kwiet. Imbagħad dar fuq il-gwardji u ordnalhom biex jitfgħuh fiċ-ċella mgħasses minn żewġ leopardi daqshiex.

Truffo bilkemm ried jemmen xortih! Petrusku kien daħak bih. Truffo kien tilef kollox!

**It-tieni għażla: Rospo jagħżel li jmur isalva lill-prinċipessa**

L-għada filgħodu mas-sebħ, il-ġganti kollha reġgħu nġabru fil-fetħa ta' quddiem l-Għar Palazz. Ir-re hemmhekk kien, fuq ix-xwiek biex jara kienx hemm xi ġgant żagħżugħ b'saħħtu li jivvolontarja li jmur isalva lil bintu.

Imma minn fost dawk il-ġganti kollha, wieħed biss li ħareġ mill-folla u offra li jkun hu l-eroj ta' din l-istorja – Truffo!

"Inti biss?" qal, kważi kontra qalbu, ir-Re.

Il-ġganti l-oħra kollha bdew iċapċpu u jgħajtu u jsabbtu saqajhom bil-ferħ għax f'għajnejhom Truffo kien l-għażla t-tajba.

Imma mbagħad ġara dak li ħadd qatt ma basar li se jiġri. Minn wara nett tal-folla nstema' leħen baxx, "Jiena wkoll majestà noffri li mmur insalva lill-Prinċipessa Etna."

Kulħadd ħares lejn minn fejn kien ġej dak il-leħen. Truffo berraq għajnejh u kulħadd siket xħin indunaw li dak il-leħen ma kien ta' ħadd iktar ħlief ta' Rospo, dak il-ġgant beżżiegħ.

"Mmm ...," ħaseb bejnu u bejn ruħu Sonder. "Rospo huwa ġgant bil-għaqal u intelliġenti. Imma jaħasra jibża' wisq. Forsi ħabat tajjeb wara kollox li Truffo kien sejjer ukoll. Wieħed ipatti għall-ieħor."

"Ħa ħa din iċ-ċajta tas-seklu," infaqa' jidħak Truffo. Mad-daħka tiegħu, qishom bħal pupi li tahom il-ħabel, il-ġganti l-oħra wkoll infaqgħu jidħku u jogħxew.

Rospo sar aħmar daqs il-peprin li kien jikber fil-wied. Xtaq l-art tinqasam u tibilgħu bil-mistħija.

Saqajh ma felħuhx bl-eċċitament u bil-biża'. Xtaq jiftaħ ħalqu u jgħid xi ħaġa iżda ma felaħx.

Rospo għandu żewġ għażliet.

L-ewwel għażla: Jibdel fehmtu

***Jekk Rospo jagħżel li jmur lura d-dar,)***

U bħal ġgant żgħir u bla saħħa, niżżel denbu goff 'l isfel, dar lura u telaq jiġri lejn daru. Mat-triq beka fuq li beka li kien tilef iċ-ċans tad-deheb li kellu.

Mur f'paġna 14.

It-tieni għażla: Jiddeċiedi li jegħleb il-biża' u jibqa' miexi.

Mur f'paġna 18

Tghid imur id-dar? Jew jibqa sieket?

**Rospo jiddeċiedi li jmur ma' Truffo**

"Tajjeb wisq," reġa' s-sultan. "Tmorru t-tnejn flimkien. Truffo ftakar li trid turi rispett lejn sieħbek biex din il-missjoni tirnexxi. U inti Rospo jeħtieġ li temmen iktar fik innifsek."

"Ersaq ersaq 'il quddiem Rospo," għamillu l-qalb ir-re. Ma jafx għalfejn imma f'Rospo kellu fiduċja ħafna iktar milli kellu fi Truffo, avolja kien jaf li kien jonqsu l-kuraġġ.

"Dan il-vjaġġ mhux faċli. Se jkollkom bżonn l-għajnuna ta' xulxin. Wieħed jgħin lill-ieħor. Fthemna?" staqsa r-re, b'ħarsa soda lejn Truffo.

It-tnejn għamlu sinjal b'rashom li kienu fehmuh. Dik il-lejla stess kellhom jerġgħu jmorru quddiem ir-re biex jagħtihom dak li kienu jeħtieġu waqt il-vjaġġ.

"Hawn ara," qalilhom. "F'dan il-basket għandkom tavla li se tiġu bżonnha matul il-vjaġġ. Tużawhiex qabel ikun il-waqt. Se tindunaw ibżax meta jkun wasal il-ħin it-tajjeb. Issa morru. U tinsewx x'għidtilkom – intom l-unika tama li l-prinċipessa tkun salva. Jekk le kulħadd se jkun fil-periklu."

Iż-żewġ ġganti telqu għal għonq it-triq. Wara li kienu tbiegħdu sew minn Noni, Truffo kiser is-skiet ta' bejniethom. "Rospo int tista' tibqa' hawn issa. Jien se nkompli dan il-vjaġġ waħdi," qallu bl-herra.

Rospo nħasad. Ma kienx jaf x'se jgħidlu. Kien hemm waħdu ma' dak il-buli. Waħdu ma jafx kemm kien se jirnexxielu jkompli l-vjaġġ.

"Smajtni?" għajjat Truffo ġo wiċċu.

"Im ... im... imma l-Majestà tiegħu qalilna li flimkien irridu nibqgħu mexjin biex insalvaw lill-prinċipessa," laqlaq beżgħan Rospo.

"Ħa ħa u jien x'jimpurtani mill-Majestà jew mill-prinċipessa ... jiena r-renju rrid ... u kollu kemm hu. Fthemna?" beda jidħak u jgħajjat.

"Imma inti ddeċidejt li tiġi miegħi u allura se tħassarli l-pjan. Imma mhux se nħallik tafx," reġa' Truffo. "Ma nafx kif ġgant beżżiegħ bħalek iddeċidejt li tiġi miegħi?"

**Rospo kellu għażla oħra quddiemu. Kif se jġib ruħu quddiem dan il-kliem kattiv ta' Truffo? Għandu jkun aggressiv miegħu? -pg 19**

**Għandu jieħdu bil-kelma t-tajba? Pg 20**

**Rospo jagħżel li jkun aggressiv ma' Truffo**

"Warrabli min-nofs Truffo!" għajjat Rospo. Waqa' skiet taqtgħu b'sikkina. It-tnejn li huma baqgħu skantati. Rospo stess ma seta' jemmen. Bħal forza barranija qisha ġiet fuqu u mlietu bil-kuraġġ. Minn quddiem għajnejh bdew għaddejjin mumenti fejn fihom Truffo kien għamilha tal-buli miegħu. Ried jurih li mhux hu biss kien jaf ikun selvaġġ fi kliemu u għemilu.

"Warrab min-nofs għedtlek," reġa' qallu Rospo. Rospo u Truffo ġew fl-idejn. Truffo kien b'saħħtu veru, imma Rospo xejn inqas minnu. It-tnejn li huma għal mumenti insew il-missjoni li suppost kellhom iwettqu flimkien.

It-tnejn granfaw f'xulxin. Li tara żewġ ġganti mqabbda flimkien jiġġieldu u jagħtu ma kinitx xena rari f'Noni. Imma li tara lil Rospo u lil Truffo ggranfati f'xulxin kienet xi ħaġa li qatt ma ġrat. It-tnejn li huma taw lil xulxin imma Truffo kien iktar b'saħħtu u b'daqqa waħda fuq ras Rospo sturdih u middu mal-art. Truffo ħa l-opportunità. Qabad kollox u telaq ilebbet lejn l-għolja fejn kien hemm Petrusku.

Mur f'paġna 14 – ibda minn Mexa fuq li mexa

**Rospo jagħżel li jieħu lil Truffo bil-kelma t-tajba.**

"Jiena lest li ninsa dak kollu li għedtli u li għamiltli matul is-snin," qallu Rospo. Hu stess skanta bih innifsu minn fejn kien sab il-kuraġġ jgħidlu dak il-kliem. "Jiena rrid nurik li nirrispettak Truffo."

Ma' dan il-kliem, Truffo nfaqa' jidħak daħka qawwija. "Tirrispettani? Ħaħ jien m'għandix bżonnok Rospo. L-ewwel neħles minnek, imbagħad jiena u Petrusku nieħdu s-saltna ta' Noni."

Rospo induna bl-iżball li kien għamel. Ma kienx uża l-intelliġenza tiegħu sewwa. Imissu kien mar jgħid lir-re b'dak li kien sema' lil Truffo jgħid dakinhar barra l-għar tiegħu. Ir-re żgur li kien isib soluzzjoni. Imma issa hemm kien waħdu ma' dak il-buli.

Truffo qatagħlu ħsibijietu. Qabad il-basket, fetħu u minnu ħareġ it-tavla.

"Leeeeee," għajjat Rospo. "Il-ħin għadu ma wasalx. Ir-re qalilna li se nindunaw meta għandna nużaw din it-tavla."

Bilkemm laħaq temm il-kelma li ma semgħux leħen oħxon u rrabjat. Rospo kien ċert li dak kien Petrusku avolja ma seta' jarah imkien għax kien id-dlam. F'daqqa waħda t-tavla xegħlet dawl qawwi li għammxet liż-żewġ ġganti.

"Hawn jien Majestà," għajjat Truffo. "Ġibtlek lil dan l-ispeċi ta' ġgant li miskin mingħalih li se jsalva lill-Prinċipessa Etna."

"Ħa ħa ħa. Deċiżjoni ħażina sieħbi. Għax la int u lanqas Etna m'intom se tibqgħu ħajjin," għajjat Petrusku.

"Għedtlek jien," qallu Truffo bilkemm jinstema', "imissek ma ndħaltx ja beżżiegħ."

Ma' dan il-kliem fis-sema fuqhom tfaċċat tajra ġganteska ... Rospo għarafha. Dik kienet l-Ajkla Rejali. L-ajkla daret tliet darbiet dawramejt fuqhom f'ċirku. Mat-tielet dawra, l-ajkla niżlet ħdejn Rospo u Truffo. Xi ġmiel ta' tajra dik, ħaseb bejnu u bejn ruħu hekk kif l-ajkla niżlet ħdejh. Kellha l-ġwienaħ qishom tas-satin, lewn id-deheb. B'munqarha enormi refgħet lil Rospo u poġġietu fuq daharha. Imbagħad taret bih u ħaditu fejn kien hemm il-prinċipessa priġuniera. Rospo mill-ewwel fehem li l-ajkla kienet mibgħuta lilu bħala għajnuna meta sab ruħu f'diffikultà imma fl-istess ħin kien baqa' lejali lejn l-ordnijiet tar-Re.

**It-tielet għażla: Rospo jagħżel li jmur isalva lill-prinċipessa imma qabel jiddeċiedi li jgħarraf lir-re b'dak li kien sema' lil Truffo jgħid**

L-għada filgħodu mas-sebħ, il-ġganti kollha reġgħu nġabru fil-fetħa ta' quddiem l-Għar Palazz. Ir-re hemmhekk kien, fuq ix-xwiek biex jara kienx hemm xi ġgant żagħżugħ b'saħħtu li jivvolontarja li jmur isalva lil bintu.

Imma minn fost dawk il-ġganti kollha, wieħed biss li ħareġ mill-folla u offra li jkun hu l-eroj ta' din l-istorja – Truffo!

"Inti biss?" qal, kważi kontra qalbu, ir-Re.

Il-ġganti l-oħra kollha bdew iċapċpu u jgħajtu u jsabbtu saqajhom bil-ferħ għax f'għajnejhom Truffo kien l-għażla t-tajba.

Imma mbagħad ġara dak li ħadd qatt ma basar li se jiġri. Minn wara nett tal-folla nstema' leħen baxx, "Jiena wkoll majestà noffri li mmur insalva lill-Prinċipessa Etna."

Kulħadd ħares lejn minn fejn kien ġej dak il-leħen. Truffo berraq għajnejh u kulħadd siket xħin indunaw li dak il-leħen ma kien ta' ħadd iktar ħlief ta' Rospo, dak il-ġgant beżżiegħ.

Sonder ukoll bħal inħasad iżda mbagħad sejħilhom it-tnejn fuq quddiem u staqsiehom, "Għiduli raġuni kull wieħed għaliex għandi nagħżel lil wieħed u mhux lill-ieħor?"

"Sempliċi ħafna," qabeż mill-ewwel Truffo. "Jiena l-għażla t-tajba Majestà għax jiena għandi kuraġġ ta' sur. Ħares lejn dan il-povru ta' ġgant ... ġgant għalxejn għax jibża' minn dellu. Majestà jekk trid terġa' tara lil bintek ħajja, għażla waħda għandek – ibgħat lili," kompla jiftaħar Truffo.

Ir-re dar fuq Rospo u stiednu biex anke hu jagħtih raġuni tajba għaliex għandu jagħżel lilu. Rospo ħassu se jmut bil-biża' quddiem ir-re, quddiem Truffo u quddiem dawk il-ġganti kollha li kienu siktin jistennewh jitkellem.

"Jiena," beda Rospo bilkemm jinstema'. Bla ma jaf kif bħal ġietu qawwa barranija fuqu u kompla, "Majestà, kif kulħadd jaf jiena miniex kuraġġuż bħal Truffo. Anzi lili kulħadd jgħajjarni beżżiegħ." Leħen Rospo beda jinkiser iżda r-re għamillu l-qalb biex ikompli.

"Imma jiena ġgant onest Majestà u nirrispetta lilek u lill-ġganti l-oħra ta' Noni. Għalhekk inħoss li għandi ngħidlek dak li smajt ilbieraħ." U waqt li ħares lejn Truffo, qal, "Dan il-ġgant hawnhekk li bħali offra li

jmur fuq din il-missjoni, m'għandu l-ebda ħsieb li jsalva lill-Prinċipessa Etna u lil Noni. Il-pjan tiegħu hu li jeqred lilek u miegħek lil Noni u lilna wkoll meta hu joħodlok postok Majestà."

Dak il-ħin kieku taqa' labra wkoll kont tismagħha. Is-skiet inkiser mil-leħen oħxon u mifxul ta' Truffo, "Giddieb. Ġgant giddieb u beżżiegħ. Temmnux Sonder, temmnux."

Imma r-re Sonder lil Rospo kien emmnu bla tlaqliq ta' xejn.

"Gwardji," għajjat ir-re lill-gwardji tal-Palazz. "Aqbdu lil dan u itfgħuh fil-ħabs tal-Palazz ħalli jieħu li ħaqqu. Mhux biss ipprova jidħak bija u bikom ilkoll, imma ried il-qerda ta' Noni tagħna."

Minnufih, erba' ġganti gwardji resqu lejn Truffo u kaxkruh lejn il-ħabs tal-Palazz.

"Rospo," qallu r-re. "Inti ġgant qalbieni tassew."

"Qalbieni jiena Majestà? Nibża' anke minn nemla," wieġbu Rospo.

"Iva Rospo. Inti ġgant qalbieni u taf iġġib rispett. Jekk jirnexxielek issalva lil Etna tiegħi, jiena nwiegħdek li mhux biss nagħtik nofs ir-renju iżda wkoll id binti. Żgur li l-prinċipessa jixirqilha li jkollha ġgant bħalek bħala żewġha."

Il-ġganti l-oħra, li ħafna minnhom kienu jduru ma' kull riħ, infexxew iċapċpu u jsabbtu saqajhom. Għal ħafna minnhom kull okkazjoni kienet tajba biex jagħmlu koċċ storbju!!

"Rospo ħu dan il-basket għal matul il-vjaġġ. Ġo fih hemm tavla. Din it-tavla ilha teżisti mijiet ta' snin. Tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. L-antenati tiegħi dejjem użawha meta verament kellhom bżonnha. Ibżax. Tkun taf meta jkun il-mument li għandek tużaha."

Dakinhar filgħaxija, bil-basket wara dahru Rospo telaq lejn l-Għolja l-Kbira. It-triq ma kinitx twila iżda kif wasal nofs triq kellu jaqsam pont li taħtu kien hemm xmara ... mimlija kukkudrilli mġewħin. Kien dlam taqtgħu b'sikkina u Rospo ma seta' jara xejn.

Ħabat se jinfixel. Saqajh ħasshom isiru *jelly*. Mitt darba kien se jdur lura imma le, ma setax, ir-re kellu fiduċja għamja fih. Hu biss kien it-tama li Etna tirritorna Noni qawwija u sħiħa. Medd saqajh fuq l-injam tal-pont, li xejn ma ħassu stabbli taħt saqajh. Iddeċieda li ma jħarisx 'l isfel. Hekk kif mexa l-ewwel ftit passi, ftakar fit-tavla maqfula fil-basket ta' wara dahru. Ftakar fil-kliem Ta' Sonder, "L-antenati tiegħi dejjem użawha meta verament kellhom bżonnha. Ibżax. Tkun taf meta jkun il-mument li għandek tużaha."

Dan żgur li kien mument ta' ħajja jew mewt. Għalhekk qabad il-basket minn wara dahru, fetħu u b'idejh jirtgħodu ħareġ it-tavla. Hekk kif it-tavla ħasset l-arja ta' madwarha, xegħlet b'dawl jiddi u jgħammex. Rospo bilkemm seta' jara b'dak id-dawl f'għajnejh imma mill-ħsejjes li beda jisma' nduna li l-kukkudrilli bħal donnhom irvillaw iktar. Ħass ġismu jqum xewk xewk. Fid-daqqa u l-ħin, fis-sema dehret bħal kreatura ċkejkna tarmi dawl sabiħ minnha.

"Jiena **Tara**," introduċiet ruħha. "Jiena se ngħinek fil-kumplament tal-vjaġġ billi nagħtik id-dawl u nurik it-triq." Bid-dawl sabiħ li bdiet tarmi Tara, Rospo ra ajkla majestuża ġejja mill-bogħod. Kienet ajkla l-ġmiel tagħha. Id-dawl beda jbatti xi ftit. Rospo għamel idejh fuq għajnejh u ħares 'il fuq lejn is-sema. Dik kienet **Isadora**, l-ajkla Rjali. Rospo għarafha għax mal-faċċata tal-Palazz tar-re Sonder kien hemm mużajk tagħha.4

L-ajkla bdiet nieżla bil-mod il-mod lejn Rospo li kien għadu ċċassat bit-tavla f'idu ma jafx x'laqtu.

"Irkeb," qaltlu l-ajkla b'leħen sod.

Bla ma ħasibha darbtejn, Rospo reġa' daħħal it-tavla fil-basket u rikeb fuq dahar Isadora.

'Il fuq 'il fuq taru 'l bogħod mill-periklu. Isadora kienet taf eżatt x'kellha tagħmel. Rospo ma kellu bżonn jgħidilha xejn. Kif waslu fuq l-Għolja l-Kbira, Rospo seta' jara sew l-għar ġgantesk ta' Petrusku. X'imkien f'dak l-għar kien hemm moħbija l-prinċipessa. Isadora niżlet fuq ġebla kbira.

"Issa tista' tinżel," qaltlu bil-ħlewwa. "Minn hawn 'il quddiem, il-missjoni hija kollha f'idejk. Tinsiex, ir-re għandu fiduċja kbira fik. U inti ġgant ġenwin u onest. Kieku ma kienx hekk jiena ma kontx se ngħinek."

Ma' dan il-kliem, l-ajkla taret 'il fuq qalb is-sħab sakemm ma setgħet tidher imkien iktar. Tara kompliet ittir fil-baxx quddiemu ddawwallu triqtu. Sadanittant, kien beda jbexbex, għalhekk Rospo ried joqgħod ferm attent kif jidħol fl-għar mingħajr ma jinqabad.

Wara dak li kien għadu kemm seħħ, Rospo rabba l-kuraġġ u kien lest jissogra ħajtu biex isalva lill-prinċipessa. Kien intelliġenti biżżejjed, tant li malajr fassal pjan ta' kif jidħol inkiss inkiss fl-għar ta' Petrusku u jeħles lil Etna. Ma kinitx biċċa xogħol ħafifa imma wara ħafna taqtigħ il-qalb irenxxielu jħarrabha miċ-ċella umda u mudlama fejn kienet maqfula.

"Tibżax minni," qalilha Rospo. "Il-Majestà tiegħu r-re bagħtni biex neħilsek."

Imma kien tard wisq għax hekk kif kienu se jaqbżu l-aħħar ftit blat u joħorġu mill-għar, Petrusku induna bihom. Għajjat għajta li ttarrax u sabbat tisbita mal-ħitan tal-għar. Bit-tisbita u b'dik l-għajta bħal donnu ġara terremot. L-għar beda jisfronda. Il-ġebel beda jinqasam u beda nieżel fuqhom. Rospo kien pront refa' lil Etna u telaq jiġri 'l barra. Irnexxielhom jiżgiċċaw bi żbrixx. L-għar spiċċa sfronda kollu b'Petrusku b'kollox maqbud hemm ġew.

Mimlija trab, Rospo u l-prinċipessa bdew triqithom lejn Noni. It-tnejn li huma kienu għajjenin imma ma xtaqux jaħlu ħin joqogħdu jieqfu jistrieħu. Għalhekk waqfu biss għal ftit minuti sakemm jieħdu nifs u jixorbu ftit ilma. Imbagħad komplew triqithom.

Sa filgħaxija kienu waslu Noni. Ir-re bilkemm ried jemmen. L-għażiża bintu kienet reġgħet lura għandu qawwija u sħiħa. Sonder żamm kelmtu ma' Rospo.

Rospo kien sar l-eroj għall-abitanti ta' Noni. Minn dakinhar 'il quddiem ħadd iktar ma għajjar lil Rospo. Anzi Rospo kien għallimhom tagħlima – li kulħadd għandu t-tajjeb ġewwa fih.